MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 162/2012

**Appell Nru. 162/2012**
**Appell Nru. 180/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Antonio Busuttil**

**Illum 6 ta' Dicembru, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant/appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 309247M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Marsalite Limited (C338) ghas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-

subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' erba` mitt Euro (€400), peress li l-appellant m'ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta` Marsalite Limited il-Qorti ma mponitx multa addizzjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Antonio Busuttil minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel is-sentenza appellata billi tibdel dik il-parti tas-sentenza fuq imsemmija fejn huwa gie misjub hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u gie ordnat li jhallas multa ta' €400 u konsegwentement tipprocedi biex tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Antonio Busuttil hati ta' l-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu,

u tbiddilha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' erba` mitt Ewro (€400), timponi multa addizzjonali skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Antonio Busuttil huma s-segwenti w cioe':-
1. L-esponenti jikkontendi li fl-ewwel lok l-akkuza qeghda talli "nqast li tibghat il-formoli tat-taxxa". F'dan il-kaz jirrizulta illi l-formoli nnifishom intbaghatu, pero` inghad illi ghalkemm intbaghtu dawn il-formoli, mhux dejjem intbaghat il-pagament relattiv izda r-rappresentat tat-taxxa ma setghax jaghti dettalji dwar dawn. Ghalhekk l-esponenti jikkontendi illi l-akkuza kif dedotta ma tistax tregi stante illi huwa ma giex akkuzat li ma baghatx il-hlas u stante li ma gietx debitament provata.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, a tenur tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act, direttur ta' kumpanija ma jistax jinstab hati ta' offiza jekk jirrizulta illi din l-offiza saret minghajr il-konoxxenza tieghu u li hu ezercita d-diligenza xierqa sabiex jevita l-kummissjoni ta' din l-offiza.

Illi meta l-esponenti sar direttur fil-kumpanija, huwa flimkien ma' David Agius u Ronnie Cauchi ftiehmu fuq ir-rwol differenti ta' xulxin u addirittura l-esponenti nsista, u hekk gara, li jinhatar financial controller. Fil-meetins li kienu jsiru bejnu u bejn id-diretturi l-ohra u anke flimkien ma' Charles Sciriha, qatt ma ssemma li kien hemm il-problema tal-FSS. Meta fl-ahhar tas-sena kien isir ir-rendikont tal-kumpanija u kien johrog l-FS3 tieghu, kien ikun hemm indikat li l-FS3 tieghu qed jithallas u l-esponenti ma kellhux ghalfejn x'jahseb illi ma kienx qed isir hekk fil-kaz tal-impjegati kollha tal-kumpanija.

L-esponenti fil-posizzjoni tieghu ma kellhux il-poter li jindahal fl-amministrazzjoni tal-kumpanija stante li l-management tal-kumpanija kien f'idejn Ronnie Agius. L-esponenti certament agixxa totalment in bona fede u qatt ma kellu l-icken idea li kien hemm il-problema mertu ta' dawn il-proceduri. Kien hemm Financial Controller inkarigat u qatt ma gie informat dwar din il-problema.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, galadarba l-esponenti spica minn direttur b'effett mill-1 ta' Marzu, 2006 u galadarba l-akkuza harget fil-25 ta' Marzu, 2011, l-azzjoni kif edeotta fil-konfront tieghu tinsab preskritta u dan certament billi mill-mument li l-esponetni spicca minn direttur qatt ma seta` minn dak il-mument 'il quddiem jaghmel xi haga ghan-nom tal-kumpanija. Huwa minn dak il-mument ma setghax aktar jagixxi bhala direttur tal-kumpanija u jekk huwa jagixxi bhala direttur tal-istess kumpanija ikun qed jikser il-ligi kummercjali u anke kriminali.

Jigi umilment sottomess illi meta l-esponenti spicca minn direttur tal-kumpanija fl-1 ta' Marzu 2006 il-posizzjoni giet kristallizata u minn hemm bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

Gie argumentat illi l-perjodu ta' preskrizzjoni jista` jibda biss meta titermina l-vjolazzjoni u ghalhekk f'kaz ta' dan ir-reat m'hemmx preskrizzjoni. Din s-sottomissjoni ma taghmilx sens ghaliex jekk tittermina l-vjolazzjoni ma hemmx iktar reat li jista` jippreskrivi ruhu. Lanqas huwa koncibbili li dan r-reat ma jista` jigi preskritt qatt u jekk l-Qorti tasal biex tghid hekk dan jista` jikkostitwixxi ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq. Jekk huwa hekk ma jkunx hemm equality of arms u lanqas ma jkun hemm dik ic-certezza legali li l-esponenti ghandu dritt ghaliha. Din is-sitwazzjoni hija aktar aggravata bil-fatt li l-esponenti llum huwa fi stat li lanqas ghandu access ghal files tal-kumpanija biex ikun jista` jiddefendi ruhu fil-mertu u lanqas hemm minn mil-kumpanija li jista` jissuplixxi din l-informazzjoni stante li lanqas ghad hemm diretturi u l-kumpanija m'ghadiex tiffunzjona u m'ghandhiex impjegati.

Kieku d-dipartiment ha azzjoni meta l-esponenti kien ghadu direttur, huwa seta jaghmel xi haga biex isolvi l-problema. Illum il-gurnata meta l-esponenti la huwa direttur u sahansitra fil-mori ta' dawn il-proceduri l-kumpanija spiccat minghajr diretturi, l-esponenti jinsab fi stat li huwa impossibli ghalih biex jaghmel dak mitlub.

Mill-mument li spicca minn direttur ma setax aktar jagixxi bhala direttur u bhala tali ghalhekk ma jistax jigi meqjus li huwa obbligat jew li ghandu l-fakulta` li jista` jibghat l-informazzjoni rikjesta mill-ligi billi huwa minn dak il-mument 'il quddiem m'ghandu l-ebda fakulta` rappresentattiva tal-istess kumpanija u wisq inqas ma ghandu access ghall-assi tal-kumpanija jew il-poter li jamministrahom. Jekk huwa jagixxi bhala direttur wara li huwa jispicca minn din il-kariga, huwa jkun qed jikser il-ligi u ghalhekk ma jistax ikun li ligi wahda tesigi li xi hadd jaghmel xi haga li b'rizultat ta' dan jikser ligi ohra u jesponi ruhu ghal proceduri ohra proceduri civili u anke kriminali.

Illi ghalhekk l-esponenti jikkontendi illi l-akkuza kif dedotta ma tistax tigi meqjusa bhala wahda ta' reat permanenti izda kontrarjament ghall-istess, il-preskrizzjoni ghandha tibda minn dakinhar li l-esponenti spicca minn direttur.

Galadarba hu hekk u galadarba ghaddew iktar minn sentejn minn meta l-esponenti spicca minn din il-kariga ta' direttur, l-akkuza kif dedotta kontra tieghu ghandha titqies bhala preskritta.
Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-30 ta' Marzu, 2012 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta mis-sentenza appellata illi ghalkemm l-appellat instab hati ta' reat ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, inkwantu l-appellat kien direttur tas-socjeta' Marsalite Limited ghall-perjodi li fihom kien hemm in-nuqqasijiet ai termini ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti mponiet biss multa u naqset milli timponi multa ohra ddizzjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli jissussisti r-reat, u dana kif jipprovdi l-istess artikolu b'mod tassattiv.

Illi effettivament, l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi
*"Kull persuna li tikser jew li tonqos li thares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il Ewro (€116) u mhux izjed minn elf u mija u sittin Ewro (€1,160) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien* ***<u>u</u>*** *multa ohra ta' mhux inqas minn erba` Ewro (€4) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro (€23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab hatja ....*

*....ir-reat taht dan l-artikolu jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u hares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih".*

Illi kwindi huwa evidentissimu illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, dejjem bid-dovut rispett, filwaqt li kienet korretta meta mponiet fuq l-appellat multa ta' erba` mitt Ewro (€400), kienet manifestament zbaljata meta naqset milli timponi multa addizzjonali ta' mhux inqas minn erba` Euro (€4) u mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro (€23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat, kif jipprovdi l-istess artikolu 23 b'mod tassattiv.

Illi bid-dovut rispett, ir-raguni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti il-ghaliex ma mponietx din il-multa addizzjonali fuq l-appellat skond il-ligi, hija manifestament zbaljata u legalment insostenibbli. L-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt ma mponietx din il-multa addizzjonali "peress li l-imputat

m’ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta` Marsalite Limited”. Bid-dovut rispett, dan ir-ragunament ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa manifestament zbaljat. Koncess il-fatt li l-appellat irrizenja minn direttur tas-socjeta` de quo fl-1 ta’ Marzu 2006, u kwindi koncess ukoll li l-appellat, b’effett minn dik id-data, m’ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta` msemmija, xorta wahda d-dispozizzjonijiet ta’ –artikolu 23 japplikaw ghalih. Din l-Onorabbli Qorti kellha diversi okkazzjonijiet li fihom esprimiet ruhha b’mod car u nkonfondibbli f’dan ir-rigward.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs George Vella, deciza minn din l-Onorabbli Qorti (per Onor. Imhallef Michael Mallia) fid-9 ta’ Dicembru, 2011, in l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi :
***“Peress li l-kliem “min jaghmel ir-reat” ma fiha l-ebda` definizzjoni partikulari ta’ kariga <u>rispettivament jekk dak li jkun ikunx ghadu direttur jew le”.</u>***

Fl-istess sentenza, din l-Onorabbli Qorti tkompli tghid illi :
***“il-Qorti tifhem li din ir-rizenja kienet wahda volontarja.... u <u>r-responsabilita` tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni tibqa` vigenti”</u>.***

Inoltre, ghax f’dan il-kaz kienet qamet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll irritjeniet illi minkejja li s-sur Vella kien irrizenja minn direttur xi snin qabel, il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu kellha tibqa` ghaddejja sakemm huwa jottempra ruhhu mal-ligi.

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs Brian John Farrugia, wkoll deciza minn din l-Onorabbli Qorti (per Onor. Imhallef Michael Mallia) fid-9 ta’ Dicembru, 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi persuna li taqdi jew li kienet taqdi l-funzjoni ta’ direttur ta’ kumpanija, tibqa` responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li tkun naqset li tibghat ir-returns u l-hlasijiet dovuti, irrispettivament jekk tkunx ghadha direttur jew le. Inoltre, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi :
***“Il-proviso ta’ l-artikolu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti “sakemm min jaghmel ir-reat.....”*** Dawn il-kliem

ifissru illi r-responsabilita` tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilita` illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal-Kap. Fuq imsemmi 372 jibqa` responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikulari ta' kariga rrispettivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilita` illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa` jissussisti fil-konfront tieghu".

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet cara u kategorika fis-sentenzi taghha dwar l-applikazzjoni ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jistax ikun, u certament imur b'mod assai perikoluz kontra l-ispirtu tal-ligi li kieku l-ligi kellha tippermetti li persuna responsabbli ghall-hlas tat-taxxa ta' socjeta` kummercjali, bhal ma huwa direttur, jaghmel snin shah ma jhallasx taxxa, u, meta jidhirlu konvenjenti, jirrizenja minn direttur u jezonera ruhu mir-responsabbilitajiet tieghu!! B'kull rispett l-appellat Antonio Busuttil ghadu responsabbli ghat-taxxa kollha dovuta, u l-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa perfettament applikabbli ghalih minkejja li llum-il gurnata huwa m'ghadux direttur tal-kumpanija.

Illi minghajr ma wiehed itawwal inutilment, fil-kaz de quo huwa pacifiku u nkontestat li l-appellat Antonio Busuttil kien direttur tas-socjeta` Marsalite Limited matul is-snin indikati fl-akkuza. Huwa wkoll pacifiku u nkontestat li bhala direttur, l-appellat Antonio Busuttil kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l-hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza, xi haga li huwa naqas milli jaghmel.

Kwindi, meta wiehed jara l-atti processwali u japplika l-artikoli tal-ligi u l-kazistika nostrana dwar is-suggett, ma hemm ebda dubju li l-appellat Antonio Busuttil kien u

ghadu responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tat-taxxa kollha dovuta ghas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006.

Illi kwindi d-dispozizzjonijiet tal-proviso ta’ l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta huma applikabbli ghall-appellat, kif inhuma wkoll applikabbli d-disposizzjonijiet dwar il-pieni fl-istess artikolu, fosthom il-multa addizjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat. U dana b’mod tassattiv kif tipprovdi l-ligi stess.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-prova illi l-imputat Antonio Busuttil kien direttur tas-socjetà *Marsaslite Limited,* liema socjetà naqset milli tibghat il-formoli tat-taxxa ghas-snin elfejn u tlieta (2003), elfejn u erbgha (2004), elfejn u hamsa (2005), u elfejn u sitta (2006), kif indikat fl-akkuza. Minkejja d-diversi twissijiet bil-miktub min-naha tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-imputat baqa’ inadempjenti. L-imputat Antonio Busuttil irrizenja minn direttur tas-socjetà fl-ewwel (1) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006). L-ammont ta’ taxxa dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-perjodu indikat fl-akkuza u cioé ghall-perjodu li jaqa’ fir-responsabiltà tal-imputat huwa ta’ xejn anqas minn tlett mija u tlieta u ghoxrin elf, erba’ mija u erbgha u disghin ewro (€323,494.00); dan l-ammont ghadu dovut sal-lum. Konsegwentement bdew il-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat Antonio Busuttil.

B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Marzu tal-elfejn u tnax (2012) dik il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-multa ta’ erba’ mitt ewro (€400), però rragunat illi peress illi l-imputat illum m’ghadux direttur ma impunietx multa addizzjonali.

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali. Dak tal-ewwel ilmenta illi r-reat dedott kontra l-imputat huwa wiehed istantanju u ghalhekk la darba spicca minn direttur fl-ewwel (1) ta’ Marzu tal-elfejn u sitta (2006) beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. Fit-tieni

lok, bhala direttur ta' kumpanija, ma setax jinstab hati tal-offiza migjuba kontra tieghu peress illi huwa ezercita d-diligenza xierqa kollha sabiex jevita l-kommissjoni ta' din l-offiza, u dana a tenur tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act.

Min-naha l-ohra l-Avukat Generali filwaqt illi talab il-konferma tal-ghoti tal-multa, dherlu illi l-ewwel Qorti ma setghetx ma kkundannatx lill-imputat ukoll ghall-multa addizzjonali peress illi din hija xi haga tassattiva li tohrog mil-ligi li l-ewwel Qorti kienet obbligata illi timponi.

Ikkunsidrat:

Huwa pacifiku u inkontestat li l-imputat Antonio Busuttil kien direttur tas-socjetà *Marsalite Limited* matul is-snin indikati fl-akkuza. Hu wkoll pacifiku u inkontestat illi bhala direttur, l-imputat Busuttil kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l-hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza – xi haga illi huwa naqas milli jaghmel.

Il-fatt illi huwa kien qed jiehu hsieb is-sales u kien hemm haddiehor jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija ma tbiddilx din is-sitwazzjoni. L-arrangamenti interni fil-kumpanija hija xi haga personali tad-diretturi u ma taffettwax id-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta xi nuqqasijiet fil-kumpanija. Ghalhekk huwa inutli illi l-imputat jargumenta illi huwa kien fuq sales jigri barra u l-gestjoni tal-kumpanija kienet f'idejn haddiehor u li qatt ma ssemma xi problemi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-laqghat li kien ikollhom tal-kumpanija peress illi dawn huma affarijiet interni tal-kumpanija li ma jaffettwawx id-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta nuqqas ta' hlasijiet dovuti lill-Kummissarju.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti sejra titratta z-zewg appelli flimkien peress illi minn dawn jirrizulta illi hemm zewg kwistjonijiet partikolari x'jigu ventilati qabel ma tidderimi din il-kwistjoni ta' preskrizzjoni.

L-ewwel hija jekk ir-reati kontemplati taht il-Kap. 372 humiex reati istantani jew permanenti, u t-tieni, sa fejn direttur li ma jkunx fil-kariga jibqa' responsabbli ghall-obbligazzjonijiet assunti minnu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Il-Qorti digà kellha okkazjoni tippronuncja ruhha fuq dan il-punt, u taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Joseph Mary Debono" deciza minn din il-Qorti kif preseduta fid-disgha (9) ta' Dicembru tal-elfejn u tnax (2012), fejn, fost affarijiet ohra, intqal: "Il-Qorti, tirrileva però illi ghal dan il-kaz partikolari u stante li si tratta ta' *lex specialis* ghandhom japplikaw it-termini tal-istess ligi u l-proviso tal-artikolu 23(12) tal-Kap. 372, li jitkellem car u li jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibqa' ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet tal-istess artikoli. Kwindi, direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissarju. U r-reati kontemplati fil-Kap. 372 ghandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata tottempora ruhha mal-ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."

It-tieni kwistjoni hija sa fejn direttur jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke meta ma jkunx ghadu direttur tal-kumpanija. Hawnhekk l-imputat qieghed jargumenta illi la rrizenja b'effett mill-ewwel (1) ta' Marzu tal-elfejn u sitta (2006), ma baqaghlux aktar access ghall-ufficcju kif ukoll ghad-dokumenti tal-kumpanija u ghalhekk jinsab fl-impossibiltà illi huwa jaqdi l-obbligazzoni tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Din il-Qorti ukoll idderemiet din il-kwistjoni fil-kawza fuq imsemmija fejn inghad: "filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi d-difiza ta' impossibiltà hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista' tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibiltà fizika li jottempora ruhu mal-ligi. Kwindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' self-inflicted impossibility, din id-difiza ma tistax treggi.

Il-provisio tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ... Dawn il-kliem ifissru li r-responsabiltà tad-direttur jew min ghandu fuqu responsabiltà illi jottempora ruhu mal-provvedimenti tal-Kap fuq imsemmi 372 jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara li jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha ebda definizzjoni partikolari ta' kariga irrispettivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur, allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi huwa kien fl-impossibiltà li jottempora ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra.  Jekk direttur jirrezenja fi zmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempora ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-provisio tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tieghu.

Jekk min-naha l-ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapacità li jottempora ruhu mal-ligi jew inkella kontra l-volontà tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjoni tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, allura hawnhekk hija kwistjoni ohra u l-imputat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' impossibiltà. Però din il-prova jrid igibha l-imputat jew il-persuna li tkun ghamlet ir-reat li juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabiltà illi huwa kien fl-impossibiltà illi jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-persuna tibqa' responsabbli ghal zmien indefinit stante li r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti."

F'dan il-kaz l-imputat qieghed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-artiklu 13 tal-Interpretation Act illi ghamel minn kollox sabiex huwa jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi kwalunkwe kaz ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. Din il-Qorti taghmilha cara illi l-Interpretation Act ma tistax tigi applikata ghal din il-ligi peress illi din hija ligi specjali illi tkopri mizuri fiskali tal-Gvern u ghalhekk hija din il-ligi illi ghandha tigi applikata u mhux l-Interpretation Act. Direttur ta' kumpanija, sew jekk ikun fl-amministrazzjoni, sew jekk ikun fuq is-sales, ghandu l-

obbligu illi jassigura illi d-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigu osservati u mhiex skuza illi tghid illi kien hemm persuna partikolari sabiex tiehu hsieb l-amministrazzjoni u d-dokumenti tas-socjetà. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ticcensura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghazel illi jfittex lill-imputat ghal dawn ir-reati flok direttur iehor.

Ir-rizenja tal-imputat minn direttur tas-socjetà *Marsalite* kienet wahda volontarja. Evidentement il-kumpanija ma kinitx sejra tajba finanzjarjament u ghalhekk kien hemm il-hsieb illi jinbidlu d-diretturi u jinxtraw l-ishma. Dawn in-negozjati jidhru li damu ghaddejjin zmien twil, f’liema zmien l-imputat baqa’ jokkupa l-pozizzjoni ta’ direttur u jagixxi ghan-nom tal-kumpanija, sakemm fl-ahhar waslu fi ftehim, sar it-trasferiment tal-ishma u l-imputat baghat ir-rizenja tieghu b’effett mill-ewwel (1) ta’ Marzu tal-elfejn u sitta (2006). F’dan ix-xenarju, kwindi, din il-Qorti ssib illi l-imputat kellu kull hin u opportunità sabiex jindaga u jistaqsi dwar is-sitwazzjoni tal-kumpanija mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u mhux biss jillimita n-negozjati ghal xi dejn li seta’ kellha l-kumpanija mal-HSBC liema dejn kienet tolqot lill-imputat direttament. Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx din l-iskuza bhala gustifikazzjoni ghad-difiza ta’ impossibiltà.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddisponi mill-appell tal-imputat billi tichad l-istess u tikkonferma l-ewwel sentenza sa fejn dina imponiet multa ta’ erba’ mitt ewro (€ 400) fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti, issa tghaddi biex tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali ghamel riferenza ghall-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jipprovdi ghal pieni ghal min jikser xi regolament ta’ dan il-Kap, u oltre l-multa u prigunerija jew it-tnejn flimkien jghid: “... u multa ohra ta’ mhux anqas minn erba’ ewro (€ 4) izda mhux izjed minn

tlieta u ghoxrin ewro (€ 23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinstab htija. ...”

Hawnhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda ghazla. La darba tirrizulta htija, hija obbligata b’mod tassattiv illi timponi multa addizzjonali fit-termini fuq imsemmija. Ma taghmilx differenza jekk direttur ikunx irrizenja jew le peress illi l-ligi tuza l-kliem, “min jaghmel ir-reat,” bl-ebda definizzjoni partikolari ta’ kariga. Hawnhekk, din il-Qorti thoss illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu. Meta wiehed jara l-atti processwali u japplika l-artikolu tal-ligi u l-kazistika nostrana dwar is-suggett, ma hemm l-ebda dubbju illi l-imputat Antonio Busuttil kien, u ghadu, responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tat-taxxa dovuta ghas-snin elfejn u tlieta (2003) sal-elfejn u sitta (2006), u kwindi d-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta huma applikabbli fil-konfront tieghu, kif inhuma ukoll applikabbli d-dispozizzjonijiet dwar il-pieni fl-istess artikolu, fosthom il-multa addizzjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat, u dan b’mod tassattiv kif tipprovdi l-istess ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-imputat Antonio Busuttil hati tal-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tirriformaha fil-parti tal-piena billi filwaqt illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat multa ta’ erba’ mitt ewro (€400), timponi multa addizzjonali ta’ erba’ ewro (€4) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat, u dana skont id-dispost tal-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------